MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 765/2006/2

**Tug Malta Limited.**

**vs.**

**S. Mifsud & Sons Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tas-socjeta` Tug Malta Limited (C 3411) datata 27 ta' Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' avviz is-socjeta` esponenti talbet lit-Tribunal ghal Talbiel iz-Zghar sabiex jikkundanna lis-socjeta` appellala thallasha s-somma ta' elfejn mitejn

wiehed u sebghin ewro u erbatax-il centezmu (€2,271.14) ekwivalenli ghal Lm975 rapprezentanti drittijiet addizzjonali ghal diversi servizzi rezi bejn it-28 ta' Jannar 2005 u t-13 ta' April 2006 mis-socjeta` rikorrenti lill-vapuri ta' 'Neptune Shipping Agencies' ta' Piraeus li taghhom is-socjeta` intimata tagixxi bhala agent f'Malta u liema ammonti ta' flus huma dovuti a terminu tal-Avviz Legali 514 tal-2004 li jirregola t-tariffa ta' rati fejn il-lanec tal-irmonk tas-socjeta` attrici juzaw ic-cimi taghhom ghall-irmonk.

Illi s-socjeta` konvenut permezz ta' risposta eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont pretiz imsemmi mill-attur mhuwiex dovut ghaliex f'xi kazijiet is-servizz difatti ma nghatax (senjatament ghaliex il-vapuri tan-Neptune Shipping Agencies li taghhom SMS Ltd hija agent mhux dejjem uzaw ic-cimi tal-kumpanija attrici ghall-irmonk); illi kien hemm kazijiet meta l-atturi gieghlu lill-konvenuti juzaw ic-cimi taghhom anke meta l-vapuri tal-atturi kienu mghammra b'cimi tajbin ghall-irmonk; illi l-ligi sussidjarja illi fuqha qed isostni t-talba tieghu l-attur, hija illegali *stante* illi ma hargitx kif titlob il-ligi; illi t-tariffa illi qed jibbaza ruhu fuqha l-attur, hija ezorbitanti specjalment meta wiehed iqis li l-attur ghandu monopolju fis-suq; illi t-talbiet attrici huma inekwi; illi *in oltre*, jekk it-talba attrici tigi milqugha, m'ghandux ibati ghall-ispejjez tal-kawza; salv eccezzjonijiet ohra.

Illi b'sentenza datata 3 ta' Marzu 2008 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda illi:

*'Ghat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet it-Tribunal mhuwiex il-forum adattat sabiex jiehu in konsiderazzjoni ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet, izda l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu akkolti. Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici.'*

Illi s-socjeta` rikorrenti hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza interponiet appell minnha fejn gie premess illi:

**1. L-Ewwel Aggravju - Apprezzament skorrett tal-provi**

Illi preliminarjament is-socjeta' esponenti qed ilmentat minn apprezzament skorrett mil-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-provi li gew prodotti quddiemu. Illi dan il-kaz kien jirrigwarda hlas ta' drittijiet addizzjonali ghal diversi servizzi rezi bejn il-28 ta' Jannar 2005 u t-13 ta' April 2006 mis-socjeta` esponenti lill-vapuri ta’ 'Neptune Shipping Agencies' li taghhom is-socjeta` intimata tagixxi bhala agent f’Malta u liema ammonti ta' flus huma dovuli *ai termini* tal-Avviz Legali 514 tal-2004 li jirregola t-tariffa ta' rati fejn il-lanec lal-irmonk tas-socjeta` attrici juzaw ic-cimi laghhom ghall-irmonk. Illi Raymond Miller, Chief Executive Officer las-socjeta` esponenti xehed quddiem it-Tribunal illi s-socjeta` intimata kienet qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont ghaliex il-kaptan tal-vapuri ta' 'Neptune Shipping Agencies' li taghhom is-socjeta` intimata tagixxi bhala agent f’Malta, riedu juzaw il-hbula tal-irmigg taghhom stess. Irrizulta illi kien minhabba f'hekk illi din il-linja partikolari oggezzjonat li thallas it-tariffa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin [Lm25] stabbilila skont l-Avviz Legali tal-2004, meta skont hi kienet qed ligi sfurzata tuza l-hbula tas-socjeta` attrici. Infatti din kienet il-linja ta' difiza imressqa mis-socjeta` intimata f’wahda mill-eccezzjonijet taghha - *illi kien hemm kazijiet meta l-atturi gieghlu lill-konvenuti juzaw ic-cimi taghhom anke meta l-vapuri tal-atturi kienu mghammra b'cimi tajbin ghall-irmonk.* Illi c-Chief Executive Officer tas-socjeta` attrici enfasizza illi s-socjeta` konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas il-pagamenti dovuti mil-linja Neptune Shipping biss u fil-fatt qieghda thallas l-ammonti kollha dovuti minn linja ta' bastimenti ohra li taghhom hija wkoll tagixxi bhala agent f'Malta.

Illi sussegwentement u wara diversi protesti mis-socjeta` konvenuta, is-socjeta` esponenti talbet *ruling* minghand il-Harbour Master tal-Malta Maritime Authority il-Kaptan Richard Gabrielle. Fix-xhieda tieghu moghtija fit-8 ta' Frar 2007 il-Kaptan spjega illi kienet inharget Direttiva mill-Awtorita` Marittima ta' Malta illi ghar-ragunijiet ta' sigurta` ghandhom jintuzaw biss it-*tow ropes* (ic-cimi tal-irmonk) tas-socjeta' attrici li huma hbula certifikati ghall-irmonk. Ix-

xhud kompla jghid illi huwa kien wasal ghal din il-konkluzjoni a bazi ta' studju li kien ghamel dwar *international port safety practices*. Huwa spjega illi c-cimi tat-*tug boats* ghandhom *safe working load* akbar mill-*mooring ropes* (il-hbula tal-irmigg) tal-vapuri. In segwitu ghal din id-Direttiva, is-socjeta` konvenuta kienet avvicinat lix-Ship Agents Association li min-naha taghha ressqet ilment quddiem l-Ombudsman [li jinsab esebit fil-process] u liema ilment gie rrifjutat.

Illi l-pern ta' din il-vertenza kien ghalhekk jirrigwarda l-kontestazzjoni min-naha tas-socjeta` konvenuta dwar il-fatt li l-vapuri taghhom, skont huma, kienu qed jigu sfurzati li juzaw ic-cimi tas-socjeta` attrici minflok il-hbula li bihom kienu mghammra l-vapuri taghhom stess. Illi minkejja li meta mistoqsija in kontro-ezami dwar l-uzu tac-cimi tal-irmonk tas-socjeta` esponenti, ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Adrian Mifsud kien evaziv u kalkolat fit-twegibiet tieghu, huwa rilevanti f'dan l-istadju li ssir referenza ghax-xhieda tieghu meta quddiem it-Tribunal qal hekk: *Niccara ruhi nghid illi hemm kontestazzjoni dwar id-dokument "A" u mhux necessarjament li ma uzajniex is-servizz tat-Tug Malta imma ahna* ***qed nikkontestaw dejjem il-klawsola 10 tal-Legal Notice 514... mgeghlin nuzawhom inkella ma jtuniex is-servizz u l-assistenza.'*** Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007 ix-xhud ikompli ifisser illi ghalkemm *'xi kultant* <u>*vera intuzaw it-tow ropes jigifieri hemm vari kazi fejn vera intuzaw it-tow ropes*</u>*, huma gew kostretti juzawhom inkella s-servizz ma kienx jigi provdut u hemm kazijiet ukoll fejn il-kaptan kien gie kostrett juza dawn it-tow ropes ukoll ghax inkella ma kienx ha jipprovdu s-servizz.'*

Illi minkejja illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar kellu dawn il-provi kollha quddiemu, b'mod partikolari x-xhieda kwotata fil-paragrafu precedenti fejn is-socjeta` konvenuta stess tiddikjara illi kienu intuzaw it-*tow ropes* tas-socjeta` attrici, it-Tribunal skorrettement ikkonkluda illi fil-fehma tieghu s-socjeta` esponenti naqset milli tipprova illi fil-fatt dawn ic-cimi intuzaw peress illi naqset meta ma pprezentatx il-formoli li jindikaw illi intuzaw ic-cimi!!

**2. It-Tieni Aggravju - Is-sentenza tikkontjeni disposizzjonijiet konfliggenti**

Illi fir-rikors tal-Appell taghha s-socjeta` attrici ssottomettiet s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar tikkontjeni disposizzjonijiet konfliggenti u dan ghaliex filwaqt li fl-osservazzjonijiet tieghu t-Tribunal ikkunsidra illi s-servizz tac-cimi tal-irmonk infatti inghata lis-socjeta` konvenuta u dan ma kienx qed jithallas minhabba r-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq, fl-ahhar parti tad-decizjoni jikkonkludi illi l-esponenti ma ppruvatx illi effettivament ic-cimi tal-irmonk gew fil-fatt uzati.

Dan ir-ragunament it-Tribunal rabtu mal-fatt illi l-esponenti ma pprezentatx il-formoli TML601 li jindikaw illi fil-fatt intuzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici. It-Tribunal irrileva illi l-ebda wahda mill-Formoli TM601 li gew prezentati ma hi relatata mal-i*statement* anness mat-talba tas-socjeta` attrici hlief ghal formola wahda u cioe' dik tat-28 ta' Jannar 2005. Illi s-socjeta` ghamlet riferenza ghal sitt (6) formoli ohra li gew esebiti mal-affidavit ta' Adrian Mifsud, Direttur tas-socjeta` appellata, liema formoli jippruvaw illi fil-fatt f'dawk is-sitt (6) okkazzjonijiet partikolari intuzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici u dan *in vista* tal-fatt illi l-kliem *'Tow Ropes used/handled'* ma gewx ikkancellati kif solitu jsir meta c-cimi tal-irmonk ma jintuzawx u dan kif korrettement gie osservat mit-Tribunal f’pagna 7 tad-decizjoni tieghu (dan ifisser sakemm dawn il-kliem ma jkunux ikkancellati jew mizjudin b'xi kliem ohra dan ifisser li c-cimi tal-irmonk gew uzati). Izda minkejja dan kollu, it-Tribunal xorta wahda ghogbu jichad it-talba tas-socjeta` appellanti fl-*intier* taghha!

Illi s-socjeta` esponenti mhux biss xehdet bil-gurament quddiem it-Tribunal illi s-socjeta` attrici provdiet is-servizz tac-cimi tal-irmonk fl-okkazzjonijiet kollha ndikati fl-i*statement* anness mal-avviz u anke pprezentat l-*invoices* kollha relattivi, izda kienet l-istess socjeta` konvenuta li fix-xhieda taghha u anke fl-eccezzjonijiet taghha, stqarret illi l-vapuri taghha kienu qed juzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici ghax kienu qed jigu sfurzati. Il-linja ta' difiza tas-socjeta` konvenuta **qatt** ma kienet fis-sens illi c-cimi

ma intuzawx [anzi fl-eccezzjonijiet taghha tghid illi **f'xi kazijiet** ic-cimi tas-socjeta' attrici ma intuzawx], izda hija kienet qed tikkontesta l-hlas ghaliex is-socjeta` appellanti kienet qed 'iggieghel' lill-konvenuti juzaw ic-cimi taghhom anke meta l-vapuri tal-konvenuti kienu mghammra b'cimi tajbin ghall-irmonk. Dan kollu gie wkoll osservat mil-Tribunal fid-decizjoni tieghu meta qal illi *'is-socjeta` konvenuta ssostni wkoll illi hemm kazijiet fejn dan is-servizz gie sfurzat fuq is-socjeta` konvenuta 'nonostante' illi l-bastiment li kienu jirrapprezentaw kienu mghammra b'cimi tal-irmonk adegwati.'* Dan jirrizulta wkoll mill-formola annessa mal-affidavit ta' Adrian Mifsud datata 20 ta' April 2005 li tghid illi - *'Captain was instructed by pilot to use tug's lines and after contacting MMA they replied that they will impose a general rule.'* F'dan il-kaz partikolari t-Tribunal ukoll ghogbu jichad it-talba ghall-hlas tas-servizz moghti mis-socjeta` attrici minkejja li kienet is-socjeta` konvenuta stess li stqarret li fil-fatt kienu intuzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici.

Illi t-Tribunal cahad it-talba tal-esponenti billi rabat il-konkluzjoni tieghu mal-fatt illi s-socjeta` attrici ma prezentatx il-formola TML 601 iffirmata mill-Kaptan tal-vapuri u a bazi ta' hekk cahdet kompletament it-talba tal-esponenti ghall-hlas tas-servizz provdut. Illi s-socjeta` esponenti qieghda tannetti ma' dan ir-rikors tal-appell 'Tug Malta Operations Log Sheets' li qed jigu markati bhala Dokument “TM 1” – “TM 28”. It-Tug Malta Operations Log Sheets jinzammu mill-Operations Officer tas-socjeta` appellanti u jirrapprezentaw is-servizzi kollha li jkunu gew moghtija mis-socjeta` attrici matul il-gurnata bid-dettalji kollha relattivi nkluz id-dettall dwar jekk intuzawx jew le c-cimi tal-irmonk tas-socjeta` appellanti u cioe' bl-ittra 'Y' f'kaz li jkunu intuzaw ic-cimi u bl-ittra 'N' f'kaz li dawn ma jkunux intuzaw. Illi d-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors ta' appell [Dok. “TM 2” – “TM 28”] huma vera kopja tal-*log sheets* li fuqhom hemm l-*entries* relatati mas-servizzi li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna u li huma ndikati bil-kulur isfar.

**3. It-tielet Aggravju - Apprezzament Zbaljat tal-Ligi**

Illi s-socjeta` esponenti fir-rikors tal-appell taghha ilmentat illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghamel apprezzament zbaljat tal-Ligi meta kkonkluda illi l-klawsola tal-Avviz Legali 514 tal-2004 li tghid illi *'meta c-cimi tal-irmonk jigu provduti mill-bastiment tal-irmonk jithallas dritt addizzjonali ta' Lm25 ghal kull bastiment tal-irmonk'* mhiex wahda mandatorja u ma tezigix illi c-cimi ghall-irmonk ghandhom bil-fors isiru mill-bastiment tal-irmonk izda biss fuq rikjesta tal-klijent. Ghandu jigi rilevat illi hawnhekk l-Avviz Legali imkien ma jghid illi l-klijent ghandu jkollu ghazla dwar ic-cimi tal-irmonk izda sempliciment jghid illi meta jintuzaw ic-cimi tal-irmonk, irid jithallas dritt addizzjonali ta' Lm25. Imkien l-Avviz Legali ma jindika illi l-klijent ghandu ghazla jekk jaghmilx uzu jew le mic-cimi tat-*tug boat*. L-Avviz Legali jaghmel distinzjoni bejn dawk il-kazijiet ta' *towage services* li ma jirrikjedux uzu tal-hbula bhal per ezempju servizz ta' *pushing* u dawk is-servizzi ta' *towage* li jkunu jirrikjedu l-uzu tal-hbula ghall-irmonk. Illi kien fuq dan l-apprezzament zbaljat tal-ligi li t-Tribunal wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Illi barra minn hekk it-Tribunal, ghalkemm qies illi kien hemm direttiva mill-Harbour Master tal-Awtorita` Marittima ta' Malta f'April 2005, ikkonkluda illi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex ghalfejn thallas ghall-uzu tac-cimi ghaliex skont l-istess Tribunal **ma jidhirx li din kienet ordni**. Is-socjeta` esponenti tirrileva illi gialadarba kien hemm din id-direttiva min-naha tal-Awtorita` Marittima ta' Malta hija ma setghet bl-ebda mod tmur kontra taghha kif donnu ppretenda t-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar. Din id-Direttiva inghatat minhabba ragunijiet ta' sigurta` fil-portijiet taghna waqt operazzjoni ta' *towage services* provduti lill-vapuri li jidhlu Malta - kwistjoni serjissima li tista' twassal ghal diversi incidenti f'kaz li ma jintuzawx il-hbula appozita! Dan kollu irrizulta b'mod mill-aktar car mill-ittra mibghuta mill-Awtorita` Marittima ta' Malta lill-Association of Ship Agents datata 19 ta' April 2005 u li tinsab esebita fil-process u li fost ohrajn tghid illi *'Nowadays tugs are equipped with special dedicated towlines using towing winches. Contrary to what is being stated by ship agents, ships' mooring lines are not certified for towing. Tugs use special lines for towing which lines are certified to a much*

*higher breaking strain then ship's mooring lines. Ship's mooring lines do not posses the high breaking strain required for towing ...no vessel is known to have special lines for towing purposes only .. It is therefore clear that for safety reasons ship's mooring lines are not to be used as towlines except where in cases of emergency there could be no alternative ...In view of the above, for safe towage practice to be in line with international and indeed other ports' practice, tugs' towlines are to be used.'*

Illi irrizulta abbondantement mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar illi s-socjeta` konvenuta ma hallsitx l-ammont dovut mhux ghax ic-cimi tas-socjeta` attrici fil-fatt ma ntuzawx, izda minhabba l-oggezzjoni li kienet qed issir mill-vapuri tal-linja Neptune li kienu qed jippretendu li juzaw il-hbula taghhom *nonostante* l-fatt li kienet inharget Direttiva mill-Awtorita` Marittima. Dan kollu gie anke konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Adrian Mifsud fix-xhieda tieghu hawn aktar 'il fuq kwotata. Is-socjeta` attrici sostniet quddiem din l-Onorabbli Qorti illi t-Tribunal kien zbaljat meta wara d-diversi osservazzjonijiet li ghamel, strah sempliciment fuq il-fatt li l-Kaptan tal-vapur li taghhom is-socjeta` konvenuta tagixxi bhala agent, ma irritornax il-formola lis-socjeta` attrici!!

**4. Ir-raba' Aggravju**

Illi r-raba' aggravju fir-rikors tal-appell li gie mressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti kien jikkonsisti fil-fatt illi minkejja li t-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar akkolja l-hames eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe' illi t-talbiet attrici huma inekwi, fl-ebda parti tad-decizjoni tieghu ma ta raguni ghalfejn kien qieghed jikkonkludi li t-talba ghall-hlas ta' Lm25 dovuti *ai termini* tal-Avviz Legali 514 tal-2004, hija talba inekwa. Illi s-socjeta` esponenti ssottomettiet illi gialadarba inghata s-servizz tal-irmonk fil-kazijiet elenkati f'Dokument “A” anness mal-Avviz fejn is-socjeta` attrici uzat ic-cimi tal-irmonk taghha, ma tara l-ebda raguni ghalfejn it-talba taghha kellha tigi dikjarata bhala wahda inekwa.

Fir-risposta tal-appell taghha s-socjeta` konvenuta introduciet appell incidentali biex tattakka dik il-parti tad-decizjoni li ddikjarat illi t-Tribunal ma kienx il-forum idoneju li fih il-ligijiet jigu dikjarati rriti u nulli.

Illi b'sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2008, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet din il-kawza billi kkonfermat is-sentenza appellata u konsegwentement cahdet sew l-appell principali tas-socjeta` rikorrenti kif ukoll dak incidentali tas-socjeta` konvenuta. Kull parti tbati l-ispejjez gudizzjarji tal-appell introdott minnha.

**IT-TALBA GHAR-RITRAZZJONI**

Illi s-socjeta` rikorrenti hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u ghalhekk qieghda titlob umilment ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet citati a bazi tal-**artikoli 811 (i)** u **(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe' billi primarjament fis-sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2008 hemm disposizzjonijiet kontra xulxin kif ukoll billi l-istess sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

**Artikolu 811 (i) - *'Jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin'***

Illi fid-decizjoni taghha, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi r-rizultanzi istruttorji ghas-sostenn ta' domanda jistghu jigu ottenuti b'kull mezz ta' prova, **<u>anke wahda supplita mill-kontro-parti</u>** jekk din tinsab favorevolment linejari mal-istess domanda. Il-Qorti kompliet tghid illi *'Jibqa' l-fatt pero' illi f'dan il-kaz din il-Qorti bhat-Tribunal qabilha, ma ghandhiex, lanqas fuq l-istregwa tal-bosta dokumenti esebiti, il-konvinciment morali li s-servizz tat-tow ropes gie provdut lill-vapuri elenkati fll-lista sottomessa mis-socjeta` attrici.'* Minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Appell ghamlet din l-osservazzjoni, xorta wahda, b'mod kontradittorju ghall-ahhar, fid-decizjoni taghha, ghazlet li mhux biss ma tqiesx bhala prova sufficjenti, izda lanqas biss ikkunsidrat dik il-prova supplita mill-kontro-parti, u precizament fejn:

i) Fl-affidavit ta' Adrian Mifsud, prodott mis-socjeta` konvenuta, giet esebita formola (ref: H32.4/9.01) fejn ix-xhud stess jispjega illi f'dan il-kaz partikolari gew uzati c-cimi tas-socjeta` attrici - *'Captain was instructed by pilot to use tug's lines.'*

ii) Fl-istess affidavit ta' Adrian Mifsud saret riferenza ghal hames (5) formoli ohra, liema formoli **jippruvaw** illi fil-fatt f'dawk l-okkazzjonijiet partikolari intuzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici u dan *in vista* tal-fatt illi l-kliem *'Tow Ropes used/handled'* ma gewx ikkancellati kif solitu jsir meta c-cimi tal-irmonk ma jintuzawx. (Kif gie osservat mit-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar f'pagna 7 tad-decizjoni tieghu - 'Dan ifisser sakemm dawn il-kliem ma jkunux ikkancellati jew mizjudin b 'xi kliem ohra dan ifisser li c-cimi tal-irmonk gew uzati.')

iii) Is-socjeta' konvenuta stess fix-xhieda taghha u sahansitra fl-eccezzjonijiet taghha, stqarret illi l-vapuri taghha kienu qed juzaw ic-cimi tal-irmonk tas-socjeta` attrici ghax kienu qed jigu sfurzati. Il-linja ta' difiza tas-socjeta` konvenuta qatt ma kienet fis-sens illi c-cimi ma intuzawx, anzi fl-eccezzjonijiet taghha tghid illi **<u>f'xi kazijiet</u>** ic-cimi tas-socjeta` attrici ma intuzawx;

iv) Fix-xhieda tieghu moghtija fid-19 ta' April 2007 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar, Adrian Mifsud in kontro-ezami jghid illi - ***'Niccara ruhi nghid illi hemm kontestazzjoni dwar id-dokument "A" u mhux necessarjament li ma wzajniex is-servizz tat-Tug Malta imma ahna <u>qed nikkontestaw dejjem il-klawsola 10 tas-section/tal-legal notice 514 .... Imgeghlin nuzawhom inkella ma jtuniex is-servizz u l-assistenza</u>***.'

Illi minkejja l-fatt li l-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-prova setghet issir anke mill-kontro-parti, fl-istess nifs, xorta wahda ghazlet illi sahansitra anke f'dawn il-kazijiet fejn saret ammissjoni cara mis-socjeta` konvenuta dwar l-uzu tac-cimi, tichad it-talba ghall-hlas tas-servizz moghti mis-socjeta` attrici.

**Artikolu 811 (1)** - ***'Jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza,'***

Illi fid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Appell tirritjeni illi s-socjeta` esponenti ma rnexxilhiex tissodisfa t-talba taghha bil-provi offerti. Hawnhekk ghandu jigi rilevat illi mar-rikors tal-appell taghha, is-socjeta` attrici annettiet 'Tug Malta Operations Log Sheets' (Dok. “TM 1” – “TM 28”), liema log sheets jinzammu mm-Operations Manager tas-socjeta` esponenti u jirrapprezentaw is-servizzi kollha li jkunu gew moghtija mis-socjeta` attrici matul il-gurnata bid-dettalji kollha relattivi nkluz id-dettall dwar jekk intuzawx jew le c-cimi tal-irmonk tas-socjeta` esponenti.

Illi fil-fatt din l-Onorabbli Qorti rrimarkat illi ***'ghas-sostenn ta' l-uzu effettiv tac-cimi s-socjeta` attrici pprezentat mar-rikors ta' l-appell taghha kopji tat-'Tug Malta Operations Log Sheets.'*** Izda, bi zball, din l-Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni dawn id-dokumenti u tiddeciedi dwarhom - zball li minhabba fih id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti giet ibbazata fuq is-suppozizzjoni li ma tezistix prova adegwata, li fil-verita` giet stabbilita pozittivament mhux biss permezz ta' dawn it- 'Tug Malta Operations Log Sheets', izda wkoll mill-provi imressqa mill-kontro-parti stess (*vide* Titolu '**Artikolu 811** (i)) - provi li kif jirrizulta abbondantament mid-dokumenti u mill-atti tal-kawza, bi zball, il-Qorti tal-Appell ma hadithomx in konsiderazzjoni fid-decizjoni taghha.

*Inoltre* jinghad, illi *ai termini* tal-*proviso* tal-**artikolu 811** (1), dan il-fatt ma kienx ghalhekk punt li gie deciz bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi *in vista* tas-suespost is-socjeta` rikorrenti, permezz tal-prezenti rikors, qieghda tinvoka r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija a bazi tal-**artikoli 811 (i)** u **(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tirrevoka s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Novembru 2008 a bazi tal-**artikoli 811 (i)** u **(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq indikata a bazi tal-istess artikoli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kawza fuq indikata kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn ssa ingunta ghas-subizzjoni u b'riferenza ghall-provi u dokumenti kollha prodotti fil-kawza fuq imsemmija.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 10 tal-process.

Rat ir-risposta tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited ghar-rikors ta' Tug Malta Ltd ghar-ritrattazzjoni datata 9 ta' Marzu 2009 a fol. 13 tal-process fejn espona:-

Illi t-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante*:

i) Illi r-rikors tar-rikorrenti huwa irritu u null ghaliex ma jirrispekkjax il-vot tassittiv tal-**artikolu 816 tal-Kap 12.** L-imsemmi artikolu jobbliga lir-rikorrent isemmi l-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka izda r-rikorrenti naqas milli jaghmel dan. Is-sentenza in kwistjoni kienet wahda illi nvolviet appell incidentali. B'hekk il-kapi tas-sentenza kienu multiplici. Izda minkejja dan ir-rikorrent naqas milli jindika liema kap tas-sentenza qed jattakka.

ii) Illi, *in subsidium* u minghajr pregudizju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null ghaliex ir-rikorrent ma ottemprax ruhu mar-rekwiziti tat-**Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

iii) Illi, *in subsidium* u minghajr pregudizzju, ma jissussistux l-elementi ghall-ritrattazzjoni. Jehtieg illi r-rikors promotur jigi nkwadrat fil-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Il-kaz odjern jikkoncerna decizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar illi essenzjalment tirrivolvi dwar valutazzjoni ta' provi.

L-istess jinghad dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef Philip Sciberras illi kienet bazikament sentenza dwar mera apprazzament ta' fatti. Il-punt tad-decizjoni fattwali kien illi r-rikorrent naqas milli jezebixxi *demand note* ghal kull servizz u b' hekk naqqas milli jressaq ir-regina tal-provi fic-cirkostanzi. Ma jirrizulta l-ebda kontradizzjoni la fis-sentenza u tanto meno fil-valutazzjoni tal-provi. Kif gustament irrimarkat il-dikjarazzjoni illi l-istess fattura ma kienitx akkumpjanti mid-*demand note* kif imiss (affidavit tieghu fol. 4).

Jirrizulta mill-istess brani tax-xhieda tas-sur Mifsud citati mir-rikorrent illi x-xhud kien metodiku u preciz fix-xhieda tieghu, dak illi qal jikkonferma l-linja difensiva cioe` illi kien hemm kazijiet meta c-cimi ma ntuzawx. Ix-xhieda tad-19 ta' April 2007, anke meta estrapolata mill-kwadru fattwali ma teskludix necessarjament illi kien hemm kazijiet illi c-cimi ma ntuzawx. Jirrizulta anke *ex admissis* illi fi stadju ta' appell ir-rikorrenti ha l-inizjattiva li jressaq xi provi, izda din il-prova kella tigi njorata ghaliex il-prova rikjesta, cioe` id-*demand notices*, ma gewx esebiti ghaliex ma nzammux.

iv) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikors promotur huwa rritu u null ghaliex huwa risaput fil-gurisprudenza nostrana illi m'hemmx ritrattazzjoni mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar (Appell Civili Numru 1139/2002/1 **Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio**) u b' hekk m'ghandux ikun hemm ritrattazzjoni minn Qorti tal-Appell illi hija *lunga manus* ta' sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.

In konkluzjoni, jirrizulta bic-car illi r-rikorrent qed jikkonfondi l-istitut straordinarju tar-ritrattazjoni ma' wiehed ta' semplici revizjoni fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. Ir-rikorrent kellu l-opportunitajiet kollha illi jressqu il-provi tieghu (ghal darba tnejn) izda naqqas milli jressaq il-provi mehtiega u kwalsiasi tentattiv illi jabbuza mill-istitut rari tar-ritrattazjoni sabiex jitlob xejn aktar minn apprezzament tal-provi mill-gdid tammonta ghal uzu zbaljat tal-procedura gudizzjarja.

Rat l-imkartament ta’ dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta’ din il-kawza fit-23 ta’ Marzu 2009 fejn gew esebiti l-processi relattivi tal-kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u l-atti kollha relattivi (fol.16).

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ April 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ April 2009 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fejn astjena milli jiehu konjizzjoni tal-kawza a bazi ta’ dak indikat fl-**artikolu 734 (d) tal-Kap. 12.**

Rat id-digriet datat 4 ta’ Mejju 2009 fejn is-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef l-Onorevoli Vincent De Geatano issurroga lill din il-Qorti kif attwalment komposta sabiex tisma’ u tiddeciedi l-istess talba ta’ ritrattazzjoni.

Rat li l-istess kawza giet appuntata ghas-smigh quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta’ Gunju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Gunju 2009 quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Lydia Abela talbet tipprezenta nota ta’ referenza u l-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata ghall-prezentata ta’ l-istess bin-notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) gurnata zmien ghan-nota tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ Novembru 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija azzjoni fejn is-socjeta’ Tug Malta Limited qed titlob ritrattazzjoni mis-sentenza ta’ din il-Qorti

diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet premessi skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (i) u (l) tal-Kap. 12.**

Illi ghal din it-talba s-socjeta' S. Mifsud and Sons Ltd ressqet diversi eccezjonijiet u f'wahda minnhom opponiet skont il-paragrafu (iv) tar-risposta taghha fejn qalet li r-rikors promotur huwa rritu u null ghaliex gie eccepit li fil-gurisprudenza taghna m'hemmx ritrattazzjoni minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u dan a bazi ta' dak li gie deciz fis-sentenza kwotata mill-intimati fl-ismijiet **"Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio"** (A.C. (PS) - 11 ta' Frar 2004).

Illi fl-istess decizjoni gie ritenut li ma hemmx procedura ta' ritrattazzjoni minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ghaliex l-istess Tribunal ma huwiex Qorti skont id-disposizzjonijiet tal-Att kostituitiv u skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 12 ((artikoli 2,3 u 4 tal-Kap 12)**.

Illi fil-fatt jirrizulta li f'bordijiet jew tribunali li jkunu imwaqqfa minn xi ligi specjali, ma jidhirx li huma prekluzi milli japplikaw in-normi tal-Kodici ta' Procedura, sa fejn lilhom konsentit mill-istess ligi li ikkrejathom, izda mid-disposizzjoni tal-**Att V ta' l-1995 (Kap 380),** b'differenza ghal dak li hemm fil-ligijiet specjali dwar il-kera u dwar l-arbitragg ta' l-artijiet li taghti lill-Bordijiet specjali relattivi is-setghat moghtija mill-**Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili** lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ma hemmx provvediment li espressament jirreferi ghall-Kodici ta' Procedura. Dan ifisser li l-legislatur ma riedx illi certi disposizzjonijiet komminati mill-ligi ta' procedura japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal.

Illi dan ifisser li l-legislatur ma riedx jissoggetta d-decizjoni tat-Tribunal imsemmi bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet gudizzjarji l-ohra, kompriz allura l-Bordijiet specjali ohra. B'hekk il-konkluzjoni hija li l-legislatur ma pprovidiex ghar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni minn decizjoniijiet tal-istess Tribunal.

Illi din il-Qorti tosserva li filwaqt li dan ir-ragunament huwa ineccepibbli izda dan jghodd biss ghal talba ghar-

ritrattazzjoni ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet zghar li ghaddiet in gudikat. Il-kaz odjern huwa ben differenti ghaliex jittratta talbiet ghar-ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ghalhekk ma jistghux jigu invokati, mill-intimat, il-principji enuncjati mill-Qorti tal-Appell fil-kawza surriferita.

Illi f'dan il-kuntest il-ligi hija cara u tghid **f'artikolu 811 tal-Kap 12** li:-

*"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata..."*.

Illi ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell mertu tal-kawza odjerna datata 28 ta' Novembru 2008 hija suggett ta' ritrattazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal- **artikolu 811 tal-Kap 12.** B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fl-istess risposta tas-socjeta' intimata gie wkoll eccepit f'paragrafu (i) li r-rikors tar-rikorrenti huwa null ghaliex l-istess rikors ma jsemmix il-kap tas-sentenzi li jrid jattakka, izda dan ma huwiex minnu peress li r-rikors ta' ritrattazzjoni jaghmel dan bil-mod rikjest mill-ligi fl-**artikolu 816 tal-Kap. 12.**

Illi dwar it-tieni paragrafu tar-risposta tas-socjeta' intimata jinghad li l-istess socjeta' intimata naqset milli tindika ghaliex qed tghid li r-rikorrenti naqas milli jottempera ruhu mar-rekwiziti tal-Ligi hemm identifikati u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi it-tielet eccezzjoni hija dwar il-mertu u dan ser jigi trattat minn din il-Qorti. Jinghad mill-ewwel li dwar il-procedura ta' ritrattazjoni ghandu jigi osservat li dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza taghna li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-

massma *“res iudicata pro veritate habetur”*. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni strettissima **(“Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine”** – A.C. 24 ta’ Settembru 2004); **“George Xeureb vs Dorothy Xeureb”** – A.C. 20 ta’ Jannar 2002; **“Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et nomine”** – A.I.C. (PS) – 12 ta’ Mejju 2003); **“Rev. Sac. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina”** – A.C. 18 ta’ April 1958 – Vol. XLII.227; **“Mary Rota et vs Mary Camilleri et”** – P.A. (GV) – 30 ta’ Marzu 2001). Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni il-litigant sokkombent ikun jista’ jerga’ jiftah il-kawza u b’hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-ligi. Illi f’dan is-sens huma s-sentenzi **“Bencini vs Zammit Pace”** (Koll. Vol LXXX – II – 391) u **“Causon vs Portelli”** (Koll. Vol. LXXX-II-464). Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ghalhekk, huwa rimedju straordinarju li jidderoga ghall-principju ta’ l-irrevokabilita` tal-gudikati, u b’hekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva.

Illi fil-kaz tallum ir-ritrattandi jghidu li hemm kaz ta’ ritrattazzjoni ghaliex fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell hemm disposizzjoni kontra xulxin skont dak li jipprovdi l-**artikoli 811 (i) tal-Kap. 12**.

Illi skont l-istess ritrattandi dan huwa hekk ghaliex ghalkemm il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha irriteniet illi r-rizultanzi istruttorji ghas-sostenn ta’ domanda jistghu jigu ottenuti b’kull mezz ta’ prova, anke wahda supplita mill-kontro-parti, minn naha l-ohra huma jghidu li l-Qorti tal-Appell ghazlet li mhux biss ma tqiesx din it-tip ta’ prova bhala wahda sufficjenti, izda lanqas biss ikkunsidrat dik il-prova supplita mill-kontro-parti tant li l-Qorti ghaddiet billi tghid, *“jibqa’ l-fatt pero` illi f’dan il-kaz din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, ma ghandhiex, lanqas fuq l-istregwa tal-bosta dokumenti esebiti, il-konvinciment morali li s-servizz tat-tow ropes gie provvdut lill-vapuri elenkati fil-lista sottomessa mis-socjeta` attrici”.*

Illi ghalhekk skont is-socjeta’ rittrattandi din hija osservazzjoni kontradittorja ghaliex sia Adrian Mifsud

ghas-socjeta' konvenuta u sia s-socjeta' konvenuta stess fl-eccezzjonijiet taghhom, kienu ghamlu certu dikjarazzjoni li, skont ir-rikorrenti, jikkonfermaw il-posizzjoni taghhom.

Illi din il-Qorti thoss pero' li fl-ewwel lok il-bazi tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti in kwantu ibbazat fuq din il-bazi ta' ritrattazzjoni ma tistax tigi milqugha u dan peress li sabiex japplika l-istess artikolu li jaghti lok ghal smigh mill-gdid tal-kawza, l-allegata kontradizzjoni lamentata u li ghaliha l-ligi qed tirreferi, trid tirrizulta fil-parti disposittiva tas-sentenza u mhux mill-konsiderazzjonijiet, li ovvjament ma huwiex il-kaz odjern.

Illi ineffetti fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella pro et noe et"** (A.C. - 10 ta' Ottubru, 2003) inghad li:

*"Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta pero` fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni".*

Illi tal istess portata hija s-sentenza **"Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et"** (A.C. - 24 ta' Jannar 1997 – Vol. LXXX.ii.188); **"Marie-Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca" (**A.C – 6 ta' Dicembru 2002) u **"Juilan Sammut et vs Mary sive Marlene Mizzi et"** – A.C. – 30 ta' Gunju 2003). Illi fil-fatt jinghad li s-sinifikat tal-istess **artikolu 811 (i)** huwa proprju ghaliex ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin fis-sentenza li l-istess sentenza ma tkunx tista' tigi esegwita jew fl-intier taghha jew parti minnha (**"Camilleri vs Bezzina"** – Vol. XLII.i.264).

Illi fil-fatt fis-sentenzi **"Joseph Borg et vs Carmela Muscat et"** (A.C. – 30 ta' Marzu 2001) inghad illi hemm biss lok ta' ritrattazzjoni meta hemm disposizzjonijiet kontra xulxin meta:-

*"…fis-sentenza jkun hemm decizjonijiet kontradittorji illi jirrendu difficli jekk mhux impossibbli l-ezekuzzjoni taghha. Jekk jigifieri s-sentenza tkun tali illi ma' tkunx kjarament*

*leggibbli l-volonta' espressa tal-Qorti kif kellhom jigu regolati d-drittijiet u l-obbligi bejn il-kontendenti fit-termini tat-talbiet u l-eccezzjonijiet moghtija. L-inkonsistenza fid-disposizzjonijiet kellha essenzjalment tokkori f'dawk l-elementi li flimkien jikkostitwixxu d-decide tas-sentenza u kellha tkun wahda gravi sal-punt li tirrendi l-gudikat incert jekk mhux adirittura inkomprensibbli"*

Illi dan kollu gie kkonfermat mill-gurisprudenza kostanti nkluza dik fis-sentenza **"Emanuel Demanuele et vs Fast Food Services Limited"** (A.I.C. (PS) – 2 ta' Gunju 2003) u minn dan kollu ovvjament fis-sentenza mertu tal-procedura odjerna m'hemm assolutament xejn. Mhux hekk biss izda din il-Qorti zzid tghid li ma tistax tara lanqas ebda kontradizzjoni wkoll fid-disposizzjonijiet tal-istess decizjonijiet citati bhala allegatamwent kontraditorji mis-socjeta' rikorrenti. **("Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine"** – A.C. 24 ta' Settembru 2004).

Illi dan ghaliex il-Qorti ta' l-Appell kull ma ghamlet kienet biss riferenza ghall-principji generali li jirregolaw il-mezz ta' kif wiehed jottjeni xi prova, u wara li ezaminat il-provi prodotti quddiemha sostniet li minn dak li gie prodott quddiemha bhala provi, ma kienx hemm il-konvinzjoni morali li l-fatt allegat gie pruvat u dan minkejja li setghu kien hemm dokumenti li setghu jindikaw mod iehor.

Illi fil-fatt jidher li l-Qorti ta' l-Appell hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi u ghazlet triq flok ohra u dan kollox fil-kors taghha li tevalwa l-provi li kien hemm quddiemha, u jidher li hija ghazlet tezi u mhux ohra, triq li ovvjament ma kinitx konformi ghal dak li pproponiet is-socjeta' rikorrenti. Dan huwa kaz ta' konsiderazzjonijiet u evalwazzjoni ta' provi li l-istess Qorti kellha quddiema, u dak li inghad fl-istess sentenza certament ma jistax jigi kkunsidrat bhala kontradittorju, anke jekk l-istess ragunament ma jikkombacjax mal-interpretazzjoni tal-istess fatti mis-socjeta' rikorrenti.

Illi jidher li fil-fatt li l-ilment principali tas-socjeta' rikorrenti odjerna huwa dak li ma qablitx mal-evalwazzjoni ta' provi

kif saret mill-Qorti tal-Appell, izda il-procedura ta' ritrattazzjoni ma hijiex applikabbli f'dan il-kaz ghaliex din il-Qorti bil-procedura kif istitwita quddiemha ma hijiex Qorti tal-Appell u ma tistax tidhol jew terga tiftah il-mertu tal-kawza.

Illi fil-verita' l-kontradizzjoni lamentata jew vantata mis-socjeta' rikorrenti ma tirrizulta bl-ebda mod, la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-disposizzjonijiet. L-allegati disposizzjonijiet kontra xulxin huma zewg sentenzi wara xulxin li huma perfettament logici. Il-Qorti se tikkwothom fl-intier taghhom u jghidu li:-

*"Issa huwa veru li r-rizultanzi istruttorji ghas-sostenn ta' domanda jistghu jigu ottenuti b'kull mezz ta' prova, anke wahda supplita mill-kontro-parti jekk din tinsab favorevolment linejari ma' l-istess domanda. Jibqa' l-fatt pero` illi f'dan il-kaz din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, ma ghandhiex, lanqas fuq l-istregwa tal-bosta dokumenti esebiti, il-konvinciment morali li s-servizz tat-tow ropes gie provvdut lill-vapuri elenkati fil-lista sottomessa mis-socjeta` attrici".*

Illi ghalhekk l-ewwel bazi ta' ritrattazzjoni fuq id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (i) tal-Kap. 12** qed tigi michuda ghaliex effettivament ma hemm fis-sentenza mertu tal-procedura odjerna l-ebda disposizzjonijiet kontra xulxin fit-termini tal-istess artikolu.

Illi r-rikorrenti jsostnu wkoll li hemm lok ghar-ritrattazzjoni ai termini ta' l-**artikolu 811 (l),** u cioe':-

*"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti mid-dokumenti tal-kawza".*

Illi l-ligi taghna tghid espressament x'tip ta' zball huwa kkontemplat taht dan is-subinciz. Fil-fatt il-*proviso* ta' l-istess paragrafu jghid:-

*"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hekk dak l-izball,fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt, li l-verita` tieghu tkun bla ebda*

*dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz-il wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."*

Illi wkoll f'dan il-kaz, ghandu jinghad li l-gurisprudenza taghna tat interpretazzjoni stretta tal-provvediment tal-ligi. **("Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella nomine"** – A.C. – 24 ta' Settembru 2004; **"Michael Cutajar vs Roberta Muscat"** A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003).

Illi, skont ir-ritrattandi, fid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Appell tirritjeni illi s-socjeta' rikorrenti ma rnexxilhiex tissodisfa t-talba taghha bil-provi prodotti. Ir-ritrattandi sostnew li mar-rikors tal-appell taghha, is-socjeta' attrici annettiet "Tug Malta Operations Log sheets" (Dok. "TM1" – "TM28"), liema *log sheets* jinzammu mill-Operations Manager tas-socjeta' esponenti u jirrapprezentaw is-servizz kollha li jkunu gew moghtija mis-socjeta' attirici matul il-gurnata bid-dettalji kollha relattivi inkluz id-dettall dwar jekk intuzawx jew le c-cimi ta' l-irmonk tas-socjeta' esponenti.

Illi r-ritrattandi jghidu li ghalkemm din l-Qorti hadet konjizzjoni tat-Tug Malta Operations Log Sheets, bi 'zball', din il-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni dawn id-dokumenti u tiddeciedi dwarhom. Dan huwa zball, skont ir-rikorrenti, li minhabba fih id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell giet ibbazata fuq is-supposizzjoni li ma tezistix prova adegwata, izda li fil-verita' giet stabbilita posittivament mhux biss permezz ta' dawn it-Tug Malta Operations Log Sheets. La darba dan huwa l-kaz, isostnu li japplika il-*proviso* tal-**artikolu 811 (l)**, ghaliex dan il-punt ma kienx gie deciz fis-sentenza mertu ta' din il-procedura ta' ritrattazzjoni.

Illi l-Qorti tosserva li din il-bazi ta' ritrattazzjoni li fuqha hija mpustata l-procedura odjerna ma tapplikax meta il-punt imqajjem ikun fil-verita' wiehed li qed isostni li l-interpetazzjoni tal-fatti moghtija mill-Qorti fis-sentenza

taghha hija zbaljata **("Fedele Dalli vs Coronato Sare'"** – A.C 20 ta' Frar, 1996).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja"** (A.C - 13 ta' Gunju, 1995) gie ritenut li:-

*"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpetazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni".*

Illi tenut kont ta' dawn l-insenjamenti din il-Qorti hija tal-fehma li r-ritrattandi effettivament qeghdin jippretendu fir-rikors taghhom li l-interpretazzjoni tal-fatti hija zbaljata fid-decizjoni mertu tal-procedura odjerna. Dan fih innifsu ma jistax ikun li jippremja l-bazi ta' ritrattazzjoni ibbazata fuq dan l-artikolu u dan ghaliex dan l-artikolu ma japplikax ghall-kazijiet ta' interpretazzjonijiet allegatament zbaljati f'decizjoni ta' Qorti.

Illi fuq kollox l-allegat zball huwa bbazat fuq punti, (avolja r-ritrattandi qeghdin jippretendu l-kontrarju), li fil-verita' kienu kontestati bejn il-kontendenti fil-kawza u li gie deciz bis-sentenza li r-ritrattandi qeghdin issa jimpunjaw.

Illi fil-fatt jirrizulta li Adrian Mifsud ikkontesta kull fattura minhabba l-fatt li l-istess fatturi ma kienux akkumpanjati mid-*demand note*. Fil-fatt ir-rikorrenti qeghdin jippruvaw jerghu jidhlu f'indagni tal-fatti, izda tali cirkostanza ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni fuq il-bazi ta' l-**artikolu 811 (l),** peress li l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti tal-kawza ma humiex sindakabbli minn din il-Qorti taht il-procedura ta' ritrattazzjoni.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li dak li s-socjeta' rikorrenti qed tilmenta dwaru ma huwiex l-ezistenza ta' fatt izda l-interpretazzjoni ta' fatt **("Palmar Limited vs Victor Ciantar"** – P.A. (PS) – 12 ta' Mejju 2003) u dan ma' jaghtix lok ghar-ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni ta' ligi peress li sabiex ikun hemm dan irid jirrizulta li *"l'errore*

*che puo' costituire motivo di ritrattazzione dev'essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione" (**"Giuseppe Luigi Bonnici vs Dottor Carlo Galea Naudi"** – A.C. 3 ta' April 2002)".*

Illi *inoltre,* biex zball rizultanti mill-atti jaghti lok ghal ritrattazzjoni jrid ikun jirrigwarda fatt li ma jiffurmax xi punt kontrovers li gie deciz mill-istess sentenza mpunjata (**""Giuseppe Darmanin nomine vs Virginia Cordina et"** – A.C. 11 ta' Mejju 1936; **"Caterina Gerada vs l-Avukat Dr. Antonio Caruana"** - A.C. 28 ta' Jannar 1957; **"Paul Vella vs Fung Hwa Chu nomine"** – A.K. 21 ta' Ottubru 1977; **"Roger Ruggier vs Beatrice Pisani"** – A.C. 7 ta' Ottubru 1997).

Illi ghalhekk minn ezami tad-disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta li sabiex l-izball ta' fatt jaghti lok ghar-revoka tas-sentenza jridu jinkorru dawn l-elementi:-

(a) Illi l-izball jkun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew interpretazzjoni. **("G. Vella Zarb vs A. Bartolo"** – 3 ta' Frar 1930 – Vol. XXVII.i.433).

(b) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u minn dokumenti tal-kawza u mhux minn atti godda. **("Anthony Aquilina vs Av. Anthony H. Farrugia nomine"** A.C. – 16 ta' Frar 2004).

(c) Illi l-izball irid ikun manifest b'dan li johrog car mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant. **("John Zammit et vs Michael Zammit Tabona et nomine"** – A.C. 22 ta' Jannar 2001).

(d) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, b'dan li l-izball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.

(e) Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat. **("Gaetano Mifsud vs Gaetano Zahra"** – A.C. – 18 ta' Gunju 1954).

Illi din il-Qorti thoss li l-lamentela tas-socjeta' rikorrenti ma tissodisfax il-maggoranza ta' l-istess elementi u fuq kollox jinghad li jirrizulta li l-punt imqajjem kien oggett ta' kontroversja bejn il-partijiet li fuqu tat decizjoni l-istess Qorti fis-sentenza mertu ta' din il-procedura. Fil-fatt prova ta' kemm dan kien punt ta' kontroversja bejn il-partijiet huwa il-fatt li jekk wiehed jara l-aggravji tas-socjeta' rikorrenti odjerna quddiem il-Qorti tal-Appell, isib li dawn huma identici jew kwazi identici ghal-lanjanza imressqa quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza mertu ta' din il-procedura trattat bil-mod taghha dawn l-aggravji u allura din il-Qorti ma tistax terga tidhol fil-mertu tal-kawza (anke jekk din il-Qorti tista' tissimpatizza ma' dak ritenut mis-socjeta' rikorrenti) u dan anke ghaliex din il-kawzali ma taqax taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l)** li jaghtu lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza. Dan apparti li din il-Qorti ma hijiex Qorti ta' l-Appell minn Qorti tal-Appell.

Illi ghalhekk huwa car li ebda wiehed mis-subincizi ta' l-**artikolu 811 tal-Kap. 12** invokati mis-socjeta' ritrattandi ma japplika ghal dan il-kaz u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti Tug Malta Limited fir-rikors ta' ritrattazzjoni taghha datat 27 ta' Frar 2009 qed jigu michuda *stante* li huma legalment insostenibbli.

## **III. KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni (dawk indikati bhala (i) (ii) u (iii) fir-risposta tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd datata 9 ta' Marzu 2009), izda tilqa' l-kumplament tar-risposta biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti Tug Malta Limited** fir-rikors ta' ritrattazzjoni taghha datat 27 ta' Frar 2009 kemm sabiex

tigi annullata sentenza fl-ismijiet premessi ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Novembru 2008 abbazi tal-**artikolu 811 (i) u (l) tal-Kap. 12** u kemm sabiex tordna r-rittrattazzjoni tal-kawza citata a bazi tal-istess artikoli u dan  peress li l-istess talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ ritrattandi Tug Malta Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------